# Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**vs**

**Raymond Borg**

**Kumpilazzjoni Numru: 405/14**

**Illum, dsatax (19) ta' Settembru, 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Raymond Borg bil-karta tal-identita' numru 330668M:

Akkuzat talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

1. Talli bejn it-12 u is-19 ta' April 2014 gewwa tas-Sliema u gewwa dawn il-gzejjer bil-hsieb li jestorci flus jew xi haga ohra, jew li jaghmel xi qligh, jew bil-hsieb li jgieghel lil persuna ohra u cioe' lil Anna Maria Cauchi minn Sliema, esegwixxa, iddistrugga, qaleb, jew bidel testment jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew ghamel jew naqas milli jaghmel xi haga, hedded li jaghmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jaghtu malafama lil dik il-persuna jew persuna ohra u kawza ta' dan huwa wasal ghall-hsieb tieghu u dan ai termini tal-artikolu 250(1)(2) tal kap 9 tal-ligijiet ta' Malta u aktar talli;

2. u aktar talli nhar il-10 ta' Novembru 2012 u fix-xhur ta' qabel dinna id-data gewwa Sliema u gewwa dawn il-gzejjer bil-hsieb li jestorci xi flus jew xi haga ohra, jew li jaghmel xi qligh, jew bil-hsieb li jgieghel lil persuna ohra u cioe' lil Anna Maria Cauchi minn Sliema, esegwixxa, iddistrugga, qaleb, jew biddel testment jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew ghamlu jew naqas milli jaghmlu xi haga, hedded li

jaghmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jaghtu malafama lil dik il-persuna jew persuna ohra u kawza ta' dan huwa wasal ghall-hsieb tieghu u dan ai termini tal-artikolu 250(1)(2) tal kap 9 tal-ligijiet ta' Malta u aktar talli;

3. fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi ta' fastidju lil Anna Maria Cauchi b'moghod li kien jaf jew missu kien jaf li b'tali mgieba kien sejer jikkaguna fastidju fuq haddiehor u dan ai termini tal-artikolu 251A tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta u aktar talli;

4. fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi heddew bi kliem lil Anna Maria Cauchi.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412(C) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma kull piena li l'Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda kwazi netta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata disgha (9) ta' Jannar elfejn u hmistax (2015) fejn biha elenka l-Artikoli tal-Ligi li tahthom jintalab li tinstab htija li dawn huma:

1. Fl-artikoli 18 u 250 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 18 u 251A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 18 u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li dawn il-proceduri jigu mismugha u decizi b'mod sommarju wara li dawn gew moqrija lilu;

Semghet ix-xhieda kollha u t-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi mix-xhieda tal-ufficjal prosekutur **l-Ispettur Jason Francis Sultana** hareg illi kienet marret ghandu l-parte civile Anna Maria Cauchi fejn din stqarret illi wara li din kienet serqet xi pakkett Weetabix u bajda tal-Ghid l-imputat beda jheddidha li jekk ma kinitx ser ittih is-somma ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) dan kien ser jirrappurtaha l-ghassa. Minn investigazzjoni x-xhud jghid illi wara li din kienet serqet minghand l-imputat il-Weetabix din kienet taghtu cekk ta' elf ewro (€1,000) u meta din hallsitu lura, l-imputat taha c-cekk lura. Din kienet grat f'Novembru 2012. Jghid ukoll illi ftit qabel l-akkuzi l-imputat kien sabha tisraq xi bajd fejn dan talabha s-somma ta' hames mitt ewro (€500). Dan jghid illi l-parte civile

kienet qaltlu li l-imputat kien baqa' jdejjaqha u jmur wara l-bieb taghha fejn finalment kienet taghtu dan ic-cekk kontra l-volonta' taghha (Dok JFS).

Xehdet il-parte civile **Anna Maria Cauchi** li xehdet li kienet hadet pakkett mill-hanut tal-imputat li kien jiswa' xi zewg ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€2.25) fejn dan gie fuqha u bi prepotenza talabha l-flus senjatament is-somma ta' hames mitt ewro (€500) fejn tghid illi huwa stess kien kitbu. Hija tghid ukoll illi dik ma kinitx l-ewwel darba li talabha l-flus, fejn darba minnhom kien talabha s-somma ta' elf ewro (€1,000) ghax inkella kien ser jehodha l-ghassa. Ix-xhud tghid illi dawn il-flus bdiet ittihomlu ftit ftit mill-pensjoni. Hija tghid illi b'kollox taghtu zewg cekkijiet izda li dak tal-hames mitt ewro (€500) kienet ghamlet stop payment. Meta giet murija Dok JFS3 hija kkonfermat li dan kien ic-cekk li dwaru kienet ghamlet stop payment u li hi kienet meliet biss id-data u s-somma f'figuri. Hija tghid illi l-kumplament ma tafx min kien kitbu.

Inkontroezami hija kkonfermat illi l-ewwel darba hija kienet inqabdet tisraq pakkett Weetabix u fit-tieni darba kienet ser tisraq pakkett bajd tal-Ghid. Fl-ewwel okkazjoni tikkonferma li kien gie sieheb l-imputat u qallha li kien ser ikollu jghidlu b'kollox. Meta hija marret l-ufficcju tieghu

talabha elf ewro (€1,000) li hija tahtomlu bhala kontanti wara li kienet kitbet cekk tal-istess ammont. Meta mbaghad taghtu dawn il-flus, huwa kien irritornalha c-cekk li wara tghid illi ddistruggietu. Hija tghid illi dan ic-cekk kien intestat lil Dorca Ltd. Hija kkonfermat illi wara li nqabdet l-ewwel darba xorta wahda baqghet tmur ghand l-imputat tixtri u tiehu l-affarijiet minghandu.

Semghet ix-xhieda tal-espert tal-kalligrafija **John Mallia** li ezamina c-cekk mertu tal-proceduri odjerni u kkonkluda illi:

*«Illi wara li gew ezaminati, studjati u kkomparati l-kalligrafija, l-firma u l-kitba tan-numri li jidhru miktubin fuq il-parti ta' quddiem u l-parti ta' wara tac-cheque tal-Bank of Valletta numru «00852» dokument AFS a fol 30 tal-process, mal-kampjuni tal-kaligrafija tal-parte civile Anna Maria Cauchi, detentrici tal-karta tal-identita' 191344(M) dokumenti JMAC1 sa JMAC5, l-esponent jikkonkludi dan li gej:*

1. *Illi l-kaligrafija, l-kitba tan-numri u l-firma li jidhru fuq il-parti ta' quddiem u l-parti ta' wara tac-cheque tal-Bank of Valletta numru «00852»*

*dokument AFS a fol 30 tal-process, gew ikkomparati pozitivament u ghalhekk huma identici mal-punti karatteristici misjuba u identifikati fil-kaligrafija ta' Anna Maria Cauchi, detentrici tal-karta tal-identita numru 191344(M), ghajr ghall-kitba tan-numri 500-00 li jidhru miktubin fuq il-parti ta' quddiem tal-istess dokument JFS a fol 30, tal-process.*

2. *Illi gew misjuba u identifikati diskrepanzi u nuqqas ta' qbil fil-punti karatteristici fil-kors tal-kitba tan-«500-00» li jidhru miktubin fuq il-parti ta' quddiem tal-istess dokument JFS a fol 30 tal-process, hekk kif ikkomparati fil-kitba tal-istess numri «500-00» li jidhru miktubin fuq il-kampjuni tal-kaligrafija ta' Anna Maria Cauchi detentrici tal-karta tal-identita numru 191344(M).*

*Illi l-esponent qieghed jesebixxi d-dokumenti JMAC1 sa JMAC5 kampjuni tal-kaligrafija ta' Maria Anna Cauchi detentrici tal-karta tal-identita numru 191344(M).»*

Xehdet **<u>Dr Christianne Sullivan</u>** li kkonfermat illi l-parte civile kienet tbati minn dipressjoni u li kienet ilha taraha

ghal madwar ghaxar (10) snin fejn din kienet ukoll stqarret maghha li kienet tbati mill-kundizzjoni tal-kleptomanija.

Xehed ukoll rapprezentant tal-Bank Volks li xehed fuq ic-cekk esebit fl-atti li dan kien imblukkat qabel ma persuna marret biex issarfu. Il-karta tal-identita' ta' din il-persuna hija 191344(M).

**John Cassar White** rrakkonta illi f'April tas-sena 2013 cemplitlu l-parte civile li kienet tigi l-mara ta' ex impjegat tal-Bank fejn din staqsietu biex twaqqaf cekk li kienet kitbet lill-persuna li kienet talbitha l-flus ghaliex kienet serqet xi haga zghira mill-hanut tieghu u kienet qed tara dan l-ammont bhala wiehed eccessiv. Huwa kien taha parir biex tkellem lill-pulizija.

Semghet l-espert mediku **Dr Mario Scerri** li kkonferma li llum il-gurnata l-parte civile qieghda l-isptar stante li kienet sofriet minn puplesija li hallietha bed ridden u l-anqas ma titkellem sew u ghalhekk ma tkunx tista' tattendi ghall-kontroezami ulterjuri.

Finalment xehed l-imputat fejn dan innega dak kollu li kienet xehdet il-parte civile Anna Maria Cauchi. Huwa jghid illi dak iz-zmien meta gara l-ewwel allegat incident kien

shab ma' certi Joe Degabriele li kien ikun fil-hanut aktar minnu u ma jaf xejn li dan kien talabha xi elf ewro (€1,000) ghaliex dak iz-zmien ma kinux tajjeb flimkien bhala shab. Huwa jghid illi l-anqas biss kien jafha lil Cauchi f'dak iz-zmien.

A rigward it-tieni incident, l-imputat jghid illi meta ha l-gestjoni hu l-lavranti kienu jghidulu illi Cauchi kienet tisraq izda f'dak iz-zmien ma kellux kameras tas-sigurta'. Izda wara li kien ghamilhom hija nqabdet. Huwa jghid illi ddecieda li jmur ihabbtilha d-dar taghha biex ikellimha izda wara li habbat il-bieb hija minn wara l-bieb qaltlu li kienet sert mur ghandu hi stess. Meta din marret ghandu u hu kkonfrontaha bil-video, hi offrietlu xi flus sabiex il-bicca tieqaf hemm ghaliex ma riditx illi r-ragel taghha jkun jaf. Huwa jghid illi meta marret ghandu l-parte civile marret bla basket u kull ma kellha dan ic-cekk li qaltlu li kienet ser ttih hames mitt ewro (€500) u hi kitbitulu. Dan jghid illi c-cekk mar jiddepozitah izda ftit wara gie lura. Huwa jghid illi wara li nfethet il-kawza hija kienet cemplitlu sabiex jahfrilha.

**Ikkunsidrat:**

Illi huwa oramaj risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

*"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla)(Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb*

*tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il cosi̇̀ detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-*

*grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi l-akkuzat odjern qed jigi akkuzat bir-reat ta' estorsjoni a bazi tal-Artikolu 250(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula dan li gej:

*"(1) Kull min, bil-ħsieb li jestorci flus jew xi hag'oħra, jew li jagħmel xi qligħ, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil persuna oħra tesegwixxi, tiddistruġġi, tqalleb, jew tbiddel testment jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, ihedded li jagħmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jagħti malafama lil, dik il-persuna jew persuna oħra, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sena sa erba' snin.*

*(2) Kemm-il darba b'dan it-theddid il-ħati jasal fil-ħsieb tiegħu, huwa jeħel il-piena ta' priġunerija minn tmintax-il xahar sa ħames snin."*

Illi din il-kawza hija monka minn zewg aspetti a bazi tal-provi migjuba mill-prosekuzzjoni. Fl-ewwel lok ix-xhieda tal-parte civile Anna Maria Cauchi mhi xejn kredibbli, u fit-tieni lok, ma kienx hemm il-*mens rea* rikjesta mil-ligi sabiex dan ir-reat jissussisti.

Illi fl-ewwel lok ix-xhieda tal-parte civile ma kienet xejn kredibbli u dan ghaliex apparti l-fatt illi hija kienet titubanti ghall-ahhar sabiex tinstab u tixhed, meta din xehdet il-verzjoni taghha ma kinitx taghmel sens. Bhala fatt hareg illi hija ghandha l-kundizzjoni tal-kleptomanija li allura ggieghelha tisraq minghajr l-ebda raguni anke affarijiet zghar hafna u b'valur minimu. Illi anke f'dan il-kaz gara illi hija serqet pakkett bajd tal-Ghid li ma kienx jiswa' hafna u ghalhekk meta din inqabdet, l-imputat ma kellux ghalfejn jitlobha l-flus. Illi bil-kontra kienet il-parte civile li kellha kull intenzjoni li tahbi mir-ragel taghha dan il-fatt u hija wisq aktar kredibbli l-verzjoni tal-imputat fix-xhieda tieghu li kienet hi li offrietlu l-flus sabiex ma jghid xejn lir-ragel taghha. Illi wkoll, il-fatt illi l-ghada stess ghamlet stop payment tal-istess cekk juri illi hija mhux vera kienet tibza' mill-imputat ghaliex li kieku vera kienet tibza' minnu ma kinitx taghmel dan l-istop payment izda kienet thalli c-cekk jigi msarraf. Illi di piu' l-imputat, wara dan l-istop payment, ma marx jghid lir-ragel taghha bis-serq tal-mara tieghu u ghalhekk il-fatt materjali illi kien l-iskop tal-allegata estorsjoni ma sehhx.

Illi fit-tieni lok, dak li gie stabbilit fl-ahhar paragrafu dwar il-veracita' tat-testimonjanza tal-parte civile u cioe' li ma kienet xejn kredibbli, jimpingi fuq in-nuqqas ta' *mens rea*

da parti tal-imputat u ghalhekk, jekk il-verzjoni tieghu ghandha titqies bhala wahda veritiera, kienet hi li offrietlu l-flus u mhux vice versa.

Illi ghalhekk l-ebda wahda mill-akkuzi fil-konfront tal-imputat ma giet ippruvata.

Ghaldaqstant ma ssibx lill-imputat Raymond Borg hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

____________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**